# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/87

**tas-26 ta' Jannar 2021**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1613 (ATALANTA/1/2021)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta).

(2) Fil-25 ta' Settembru 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1613 ([2]) li ħatret lill-Maġġur Ġeneral Antonio PLANELLS PALAU bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għal Atalanta mill-1 ta' Ottubru 2019.

(3) Spanja pproponiet li l-Viċi Ammirall Eugenio DÍAZ DEL RÍO jieħu post il-Maġġur Ġeneral Antonio PLANELLS PALAU bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għal Atalanta.

(4) Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa n-nomina tal-Viċi Ammirall Eugenio DÍAZ DEL RÍO bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għal Atalanta mid-19 ta' Frar 2021.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Eugenio DÍAZ DEL RÍO huwa b'dan maħtur bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta), mid-19 ta' Frar 2021.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1613 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-19 ta' Frar 2021.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/1613 tal-25 ta' Settembru 2019 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ATALANTA/3/2019) (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 84).

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2021.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
S. FROM-EMMESBERGER